**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 368/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**George Annati**

Illum, 26 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, George Annati, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 438759M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-11 ta' Mejju 2023 għall-ħabta ta' 09:00hrs ġewwa Triq il-Palma Paola:

1. Kellu fil-pussess tiegħu u fuq il-persuna tiegħu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti waqt li kien qiegħed jagħmel reat kontra il-persuni ta' CO 929 Pierre Zerafa u CO 905 Gildav Cassar inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz;
2. Inġurja, jew hedded, jew għamel offiza fuq il-persuni ta' CO 929 Pierre Zerafa u CO 905 Gildav Cassar inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Attakka jew irreżista bi vjolenza lil gwardjani lokali CO 929 Pierre Zerafa u CO 905 Gildav Cassar waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Mejju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17(b)(f), 95, 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 19(1) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat George Annati ħati tal-akkużi kif dedotti kontrih fuq ammissjoni u stante li t-tielet (3) akkuza hija alternattiva għat-tieni (2) akkuza ikkundanatu għal piena ta' priġunerija effettiva ta' għaxar (10) xhur flimkien ma' multa ta' erba' mitt ewro (€400). *Inoltre* u a bazi tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssospendiet il-liċenzji tal-armi maħruġa lill-imputat għal zmien tliet (3) snin mid-data ta' meta din is-sentenza tiġi definittiva. Finalment, il-Qorti mponiet fuq l-imputat Ordni ta' Trazzin a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta a favur il-vittmi u dan għal perjodu ta' tliet (3) snin.

Rat ir-rikors tal-appellant, George Annati, ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2023, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu kkundanatu għal għaxar xhur priġunerija u konsegwentement timponi piena aktar miti u idonea għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 26 ta' Settembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jivventila aggravju uniku fejn jilmenta li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti, ċioe' dik ta' għaxar xhur priġunerija u multa ta' erba' mitt Ewro, kienet waħda

eċċessiva, u dana tenut kont li huwa rreġistra ammissjoni bikrija kif ukoll għandu fedina penali netta.

Illi, għadd kienu l-okkazzjonijiet fejn il-qrati ta' reviżjoni applikaw ir-regola li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti ma tiġix rimpjazzata u varjata kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1] .

Illi, minn eżami tal-atti proċesswali, għalkemm huwa minnu li l-appellant irreġistra ammissjoni mal-ewwel stadji tal-*iter* tal-każ quddiem l-Ewwel Qorti u wkoll għandu fedina penali nadifa, madanakollu huwa jinsab mixli bir-reat tal-oltraġġ għall-uffiċjal pubbliku u dan filwaqt li kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar. Dan seħħ nhar il-11 ta' Mejju 2023 meta l-uffiċjali tal-LESA, CO 929 Pierre Zerafa u CO 905 Gildave Cassar, avviċinaw lill-appellant wara li nnuttawh iqiegħed il-boroż tal-iskart fil-kantuniera ta' Triq Brittanja, Raħal il-Ġdid u tawh ċitazzjoni. F'dan il-waqt l-appellant beda jidgħi u jgħidilhom li jekk il-kollettur taż-żibel ma kienx ser jiġbor il-borża, huwa kien ser jitfagħha f'nofs ta' triq. Minħabba f'dan l-aġir il-gwardjani ħarrġu ċitazzjoni oħra fil-konfront tiegħu. Ftit tal-ħin wara, l-istess uffiċjali tal-LESA nnutaw lill-appellant jixxutja borża taż-żibel għal nofs it-triq, mill-liema boroż ħareġ ukoll xi skart fit-triq. Hekk kif l-uffiċjali tal-LESA kienu ser javviċinawh għal darb'oħra, l-appellant mar fuqhom b'pass mgħaġġel, avviċina n-naħa tal-passiġġier tal-vettura li kienu fiha l-istess uffiċjali, beda jsabbat mal-bieba, daħħal rasu mit-tieqa u ħareġ pistola u ppuntaha ma' wiċċ CO 905 Gildave Cassar. Dak il-ħin, CO 929 Pierre Zerafa saq minn fuq il-post għall-għassa tal-Pulizija fejn sussegwentement l-istess Pulizija Ezekuttiva ħadet l-azzjoni neċessarja u nħarġu l-akkużi relattivi fil-konfront ta' l-appellant. Meta interrogat l-appellant jammetti li l-aġir tiegħu kien wieħed żbaljat u instigat mill-fatt illi ripetutament iż-żibel li kien qed joħroġ barra ir-residenza tiegħu ma kienx qiegħed jinġabar mill-kollettur inkarigat f'dik iż-żona. Jikkontendi wkoll illi l-arma tixbah *revolver*, iżda din ma tiffunzjonax u hija arma finta. Fil-fatt fis-*seizure form* eżebita bħala Dokument PC6 a fol. 15 tal-proċess din l-arma tan-nar hija deskritta bħala "*1*

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

*revolver dummy, frame colour grey and handle grip colour brown.*" Minn tfittxija li għamlu il-pulizija fir-residenza tal-appellant ġew elevati b'kollox wieħed u għoxrin arma ta' nar reġistrati fuq ismu.

Illi, fl-ewwel smiegħ li sar quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant, debitament assistit, irreġistra ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. L-Ewwel Qorti tatu l-ħin debitu għar-ripensament, fejn anke wissietu bil-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu, fejn wara l-istess, huwa reġa' tenna l-ammissjoni minnu magħmula. L-appellant, f'dan l-istadju ta' reviżjoni, mhuwiex qiegħed jikkontesta l-validita' ta' din l-ammissjoni hekk minnu rreġistrata.

Illi, l-Ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza fejn fl-istess elenkat il-motivi li wassluha biex teroga sentenza ta' priġunerija effettiva:–

> **"Rat li ghalkemm l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih fi stadju bikri tal-proceduri xorta wahda l-akkuzi kif addebitati lilu huma serjissimi u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dak li sehh waqt il-kommissjoni tar-reat u ghaldaqstant ghalkemm ser tibqa' fuq il-minimu permissibbli mill-ligi stante ammissjoni bikrija thoss illi ghandha timponi piena karcerarja."**

L-appellant fil-lanjanza tiegħu jqies illi ġaldarba huwa kkollabora mal-pulizija, irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u għandu fedina penali nadifa, l-Ewwel Qorti kellha tieħu dawn il-fatturi in konsiderazzjoni meta tiġi biex tikkalibra l-piena, kemm fix-xorta tagħha kif ukoll fil-kwantita'. Ma ħaditx in konsiderazzjoni, fil-fehma tal-ppellant, l-aspett retributtiv, preventiv u rijabilitattiv tal-piena. Isostni inoltre illi f'każijiet konsimili l-qrati dejjem għaddew biex jerogaw piena ta' priġunerija sospiża fit-termini ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, alternattiva għall-inkarċerazzjoni effettiva.

Illi l-qrati taghna ripetutament sostnew illi sabiex il-Qorti tal-Appell tvarja l-piena li tkun imposta mill-Ewwel Qorti irid ikun hemm imposizzjoni ta' piena li tkun barra mill-parametri legali jew irregolari skond id-dettami applikati għal każ li jkun. Infatti

skond dak dispost fis-sentenza tal-appell fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Joseph Attard*[2] il-Qorti kkunsidrat illi:

> **'il-Qorti tal-Appell varament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi. Gieli ikun hemm varjazzjoni tal-piena meta l-Qorti tkun moralment konvinta li hekk ikun mehtieg sabiex ma tintilefx xi opportunita' ghall-hati li biha jkun jista' jerga' jirritorna fit-triq it-tajba, jew jirriforma ruhu, jew jfieq u johrog minn xi abbuz, bhal ma huwa dak tad-droga.'**

Bl-istess mod fl-appell fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio*[3] l-Qorti ddikjarat illi:

> **'Mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. F'kaz ta' appelli dwar il-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt'.**

Illi m'hemm l-ebda dubbju li l-Ewwel Qorti effettivament imponiet piena li kienet fil-parametri tal-liġi. Kif ma hemm ebda dubbju illi l-aġir tal-appellant kien wieħed inkwetanti ferm, għalkemm l-arma tan-nar li fil-fatt intużat minnu biex ihedded lil gwardjani lokali kienet *dummy weapon*, u li allura huwa evidenti li l-intenzjoni tiegħu kienet waħda illi jbeżżagħhom u mhux li jagħmlilhom xi ħsara. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, għalkemm l-aġir tal-appellant huwa kundannabbli u jistħoqq is-sanzjoni tal-liġi, madanakollu fid-dawl tal-fatti probatorji, l-ammissjoni nkondizzjonata, id-dispjaċir li wera l-appellant għall-aġir tiegħu fejn irrealiżża li żbalja, u l-fatt illi l-fedina penali tiegħu hija kważi nadifa, b'żewġ infrazzjonijiet tal-liġi indikati fuqha fejn l-aħħar waħda tirrisali għas-sena 1994, huwa għandu jingħata l-aħħar opportunita' biex ibiddel l-attitudni ta' rabbja li jidher li hu maħkum minnha. Dan għalkemm l-Qorti

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri mill-Imħallef Patrick Vella, nhar is-26 ta' Jannar 2001.
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri mill-Imħallef Joe Galea Debono, nhar it-13 ta' Novembru 2003. Ara wkoll Pulizija vs Guido Whitelaw et deċiża nhar il-11 ta' Jannar 2007, Repubblika ta' Malta vs David Vella deċiża fl-14 ta' Ġunju 1999 u Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina deċiża nhar l-24 ta' April 2003 fost oħrajn.

tikkundanna bis-sħiħ aġir bħal dak ta'l-appellant, aktar u aktar meta tali vjolenza tkun diretta lejn uffiċjali li jkunu sempliċiment qegħdin jagħmlu xogħolhom.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirriforma is-sentenza appellata billi**

1. **Tikkonfermaha fejn l-appellant kien misjub ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu;**
2. **Tikkonfermaha fejn a bazi tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-liċenzji tal-armi maħruġa f'isem l-appellant ġew sospiżi għal zmien tliet (3) snin, liema perijodu ta' żmien għandu jibda jiddekorri mil-lum.**
3. **Tikkonfermaha fejn inħarġet Ordni ta' Trazzin kontra l-appellant abbażi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta favur il-vittmi, CO 929 Pierre Zerafa u CO 905 Gildav Cassar, u dan għal perjodu ta' tliet (3) snin. liema perijodu ta' żmien għandu jibda jiddekorri mil-lum.**
4. **Tikkonfermaha fejn huwa kien ikundannat għal ħlas ta' multa ta' €400.**
5. **Tvarjaha fejn l-appellant kien ikkundannat għal perijodu ta' għaxar xhur priġunerija effettivi, u minflok wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna illi dan il-perijodu ta' priġunerija ta' għaxar xhur għandu jkun sospiż għal żmien erba' snin mil-lum.**

**Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**